#5 Ħarifa 2013

# Il-Miżwed

philosophysharing malta

Newspaper Post

# Galore ta' Attivitajiet

Wasalna biex nibdew flimkien staġun ieħor ta' attivitajiet mhux biss b'suġġetti interessanti, iżda wkoll b'nies interessanti li, flimkien miegħek, jistħarrġu diversi oqsma tal-filosofija. Bil-mod il-mod, qiegħed jirnexxielna nibnu 'komunità ta' diskussjoni' li hija stabbli u frekwenti.

L-attivitajiet kollha tal-fondazzjoni qegħdin dejjem iżommu ma' żewġ miri ewlenin: qabel xejn, dak li jiġi ppreżentat u diskuss ikun ta' kwalità u livell għoli; it-tieni, li s-suġġetti diskussi jkunu jappellaw għall-pubbliku kollu.

Mhuwiex minnu (bħalma għandhom mnejn jaħsbu xi wħud) li l-filosofija diskussa fost pubbliku mħallat trid bil-fors tkun ta' kwalità inferjuri jew popularista. L-esperjenza qiegħda turina biċ-ċar li waħda mhux neċessarjament timplika l-oħra, u li l-kwalità tista' tinżamm ukoll meta d-diskussjoni filosofika ssir fost udjenza mifruxa.

Għalkemm se nibdew staġun ġdid, dan ma jfissirx li waqafna tul is-sajf. Il-laqgħat pubbliċi xorta waħda saru b'mod regolari u kellhom attendenza tajba ħafna kull darba.

Issa għandna tliet xhur oħra quddiemna mimlija attivitajiet. Nittamaw li l-attendenza tajba tinżamm u tikber. Għandna l-laqgħat pubbliċi ta' kull xahar, għandna ħames korsijiet professjonali u mill-aktar interessanti, u għandna wkoll esperjenza ġdida u eċċitanti: Lejla Filosofika ta' diskussjonijiet mal-ħbieb madwar ikel u xorb.

Ħu nota tal-attivitajiet u qis li ma titlifhomx.

Nirringrazzjaw lilek u lil kull min qiegħed jipparteċipa fl-attivitajiet tal-fondazzjoni u jagħdin l-esperjenza sabiħa possibbli għal kulħadd.

**Kull attività tal-fondazzjoni hi maħsuba li tkun ta' kwalità iżda wkoll li tappella għall-pubbliku kollu.**

## LAQGĦAT PUBBLIĊI

►**Luciano Restaurant, Valletta**

- **3 ta' Settembru** (It-Tlieta): Mal-Prof. Carmel Borg niddiskutu dwar **L-EDUKAZZJONI HI POLITIKA** (7.00 PM)
- **2 ta' Ottubru**: Ma' Dr Giuseppe Schembri Bonaċi niddiskutu dwar **L-ARTI, L-IMBARAZZ U L-POTER: TRAĠEDJI** (7.00 PM)
- **6 ta' Novembru**: Ma' Mark Debono niddiskutu dwar **P OR NO+GRAFIJA** (6.30 PM)
- **4 ta' Diċembru**: Ma' Clive Zammit niddiskutu dwar **L-ISPAZJU PRIVAT TIEGĦI X'ĦALLEWLI MINNU?** (6.30 PM)

## LEJLA FILOSOFIKA

►**'Second to None' Bar, Triq Tignè, Tas-Sliema (Quddiem il-Union Club)**

Esperjenza ġdida u eċċitanti ta' diskussjonijiet filosofiċi madwar ikel u xorb. Parteċipazzjoni nominali ta' €5 (li tinkludi *drink* b'xejn u *refreshments*). **Il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru. 8.30 pm 'il quddiem.**

## KORSIJIET

►**Philosophy Sharing Centre, 129, Triq San Pawl, Valletta**

5 korsijiet mill-aktar interessanti mogħtija minn għalliema professjonali dwar il-Marxiżmu, il-Femminiżmu, il-Liġi, il-Filosofija Orjentali u l-Filosofija mat-Tfal. Ara dettalji fuq il-folja li jmiss. TĦALLIX GĦALL-AĦĦAR BIEX TINKITEB għax il-postijiet huma limitati.

Grazzi lill-postiera għas-servizz

# Korsijiet tal-filosofija għal kulħadd 2013/14

Il-korsijiet kollha jsiru f''Philosophy Sharing Centre', 129 Triq San Pawl, il-Belt, kull nhar ta' Tnejn għal 5 ġimgħat, bejn is-6.30 u t-8.00 ta' filgħaxija. Jingħata Ċertifikat ta' Attendenza.

1 ►**IL-MARXIŻMU: TEORIJA U PRATTIKA**
**Dr Giuseppe Schembri Bonaci**
**Mis-7 ta' Ottubru sal-4 ta' Novembru, 2013**

2 ►**IL-FILOSOFIJA FEMMINISTA**
**Prof. Yosanne Vella**
**Mit-18 ta' Novembru sas-16 ta' Diċembru, 2013**

3 ►**IL-FILOSOFIJA MAT-TFAL**
**Dr Joseph Giordmaina**
**Mill-24 ta' Frar sal-24 ta' Marzu, 2014**

4 ►**IL-FILOSOFIJA ORJENTALI**
**Prof. Michael Zammit**
**Mis-7 ta' April sal-5 ta' Mejju, 2014**

5 ►**IL-FILOSOFIJA TAL-LIĠI**
**L-Imħallef Silvio Meli**
**Mid-19 ta' Mejju sas-16 ta' Ġunju, 2014**

## BIEX TIEĦU SEHEM

**Il-membri ta' PHILOSOPHY SHARING u studenti reġistrati jħallsu €5 biss għal kull kors li jattendu. Il-bqija jħallsu €15 għal kors wieħed, €25 għal tnejn, €35 għal tlieta, €50 għal erbgħa u €65 għal ħamsa.**

**BIEX TIBBUKKJA, ikteb: radebono55@gmail.com jew 129 Triq San Pawl, Valletta VLT 1216, jew ċempel 99463682.**



## LEJLA FILOSOFIKA

**IL-ĠIMGĦA, 25 TA' OTTUBRU 2013**
**MIT-8.30 TA' FILGĦAXIJA 'IL QUDDIEM**
**SECOND TO NONE BAR, TAS-SLIEMA**

Din hi attività ġdida li qegħdin nintroduċu din is-sena b'esperiment. Nittamaw li tinżel tajjeb mal-membri tal-fondazzjoni, kif ukoll mal-pubbliku ġenerali. Il-LEJLA FILOSOFIKA tikkonsisti f'laqgħa informali f'bar Tas-Sliema fejn naqsmu bejnietna ikel, xorb u ideat.

Ebda diskors formali ma hu se jsir fl-attività (bħalma jsir fil-laqgħat pubbliċi ta' kull xahar). Il-ħsieb hu li l-aġenda nagħmluha flimkien skont kif inħossu l-bżonn dak il-ħin. Nistgħu niddiskutu dwar dak kollu li nixtiequ u rridu.

Il-ħlas nominali ta' €5 huwa għall-'finger food' li se jitqassam lil dawk preżenti, kif ukoll għal *drink* b'xejn. Il-ħlas isir mal-bieb.

Għalkemm l-attività tibda fit-8.30 ta' fil-għaxija, inti tista' tidħol għaliha f'xi ħin aktar konvenjenti għalik u tissieħeb fid-diskussjoni li tkun qiegħda ssir dak il-ħin.

Fi x'ħin se nieqfu? Meta ngħajjew jew niddejqu! Jistgħu jkunu l-ħdax u jista' jkun nofsilejl. Naraw.

L-importanti hu li tieħu sehem u tipparteċipa fid-diskussjonijiet bil-libertà u s-serenità. *Narawk!*

**Second to None Bar**
**jinsab in-naħa t'isfel ta' Triq Tignè, kważi kantuntiera ma' Tower Road. Jiġi sewwasew quddiem il-bieb ewlieni tal-Union Club.**